Kunsill Lokali Fontana

---

Minuti tar-4 laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ġunju 2013 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet f'5.30p.m.

Prezenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Saviour Borg | Sindku |
| Victor Cefai | Viċi-Sindku |
| Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Horace Micallef | Kunsillier |
| Mario Mercieca | Kunsillier |
| | |
| Amanda Abela | A/Segretarju Eżekuttiv |

1. **Talba**

Il-laqgħa bdiet b'talba mis-Sindku Saviour Borg.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 3, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mil-A/Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza mis-Sindku**

- Attendenza tas-Sindku u Horace Micallef għal-laqgħa mal-Onor. Joe Mizzi, fil-Ministeru għal-Għawdex. Is-Sindku ressaq it-talba tal-Kunsill biex terġa issir rotta tal-Arriva għax-Xlendi mill-Fontana. Onor. Mizzi talab biex tintbagħat email bit-talba, fejn din it-talba intalbet ukoll mill-uffiċċju tat-TM. Horace qal li huwa ġie avviċinat mis-Sur Ruben Said, mill-Uffiċċju ta' Transport Malta, fejn stqarr miegħu li t-talba tal-Kunsill ma tantx hi prattika, peress li trid tiżdied *bus* oħra. Għalhekk, tul id-diskussjoni mas-Sur Said, ħarġet il-proposta li r-rotta mir-Rabat għax-Xlendi tgħaddi darba mill-Munxar u titla' mill-Fontana, u r-rotta ta' wara tgħaddi mill-Fontana u titla' mix-Munxar. Horace qal li fl-opinjoni tiegħu din hi proposta tajba għal-Fontana, dejjem jekk tintlaħaq minn TM, u fil-Fontana jkun hemm is-servizz iżda jitnaqqas il-volum tat-traffiku. Is-sindku qal li din il-proposta kienet ġiet offruta mis-Sur Ruben Said is-sena li għaddiet, iżda il-Kunsill ma kienx qabel ma din il-proposta, ħlief is-Sur Anthony Borg. Il-Kunsill qabel mal-proposta ta' Horace u talab lis-SE biex tikkomunika mas-Sur Said biex din il-proposta tintbagħat bil-miktub.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

- Tender tat-Tindif tal-Wied tax-Xlendi – Wara l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Eco Gozo għall-estenzjoni taż-żmien, ħarġet sejħa għall-offerti fuq il-gazzetti. Is-Sindku informa lis-SE li biex isir dan ix-xogħol, hemm bżonn ta'monitoraġġ biex il-qabri jinqabdu sakemm isir dan it-taħmil. L-istima għal dan il-monitoraġġ minn kumpanija privata "Eco Serv" hi madwar €3,000 u għalhekk ma jistax isir dan ix-xogħol b'*direct order*. Il-perit John Saliba stqarr li ma jistax idaħħal speċifikazzjoni għal dan ix-xogħol fid-dokument tat-tender tat-taħmil. Is-Sindku qal ukoll li sissa ma ntalab l-ebda dokument tal-offerta minn xi kuntrattur u għalhekk il-Kunsill iddeċieda li jekk ma jkun hemm l-ebda offerent, issir talba lid-dipartiment tal-Eco Gozo biex jinxtraw fanali, li kienu msemmiha fl-applikazzjoni. Dawn il-fanali huma approvati bħala t-tieni għażla mill-istess dipartiment. Is-sindku issuġerixxa li tintbagħat kopja ta' din it-talba lill-Ministru għal-Għawdex, Onor. Anton Refalo.
- Tisbiħ tal-Isqaq tal-Mitħna – is-Sindku informa lill-preżenti li l-Perita Ivana Farrugia ma aċċettatx dan ix-xogħol. Għalhekk, il-Kunsill qabel li jitqabbad il-perit Gordon Vella biex jieħu ħsieb dan il-proġett.
- Talba għall-mera fit-Triq Wied Siekel kantuniera Triq San Martin u talba għal-mera oħra fit-Triq il-Għajn faċċata ta' Triq Għajn Tuta, li tkisret max-xogħol li sar fit-Triq il-Għajn – il-Kunsill qabel
- Is-sindku kellem lill-Gatt Tarmac biex isir il-*patching* li jonqos isir fir-raħal skont it-tender, iżda l-kuntrattur qal meta jqabbad il-magna tat-*tarmac* dan ix-xogħol isir. Horace issuġerixxa li tintbagħat ittra bil-miktub u jingħata ċans ta' xahar biex isir ix-xogħol.
- *Re-freshing* tas-sinjali tat-toroq – il-Kunsill iddeċieda li jitqabdu l-IPSL biex jagħmlu dan ix-xogħol.
- Is-sindku informa lill-preżenti li d-dranaġġ fit-Triq tal-Mulejja sar mir-Road Construction max-xogħol fuq Triq il-Għajn. Il-Kunsill qabel li ssir jitqabbad il-bajjad Tarcisio Xerri biex titranġa l-bankina u jitqabbad id-dranaġġ mat-*toilets* tas-sala.
- Gita fis-Sqallija fid-9 ta' Lulju - il-Kunsill se jqabbad il-Kumpanija YTC Travel biex tieħu ħsieb il-programm ta' din il-ġurnata. Il-ħlas se jkun ta' €140 għal-kbar u €110 għat-tfal, b'€5 minnhom għat-transport. Dan il-ftehim sar waqt il-laqgħa tal-Kunsill mas-Sur Mario Spiteri mill-YTC Travel.
- Jitqabbad xi ħadd biex iħawwel ix-xtieli u jssaqqi tul is-sajf fit-Triq John Gaspard le Marchant u Triq il-Kard. A. Franchi peress li Joseph Mercieca ma għadux mitfuħ mal-Kunsill. Il-kunsill qabel biex jitqabbad l-istess Joseph Mercieca, biex jagħmel dan ix-xogħol privatament.
- Seħħ it-transfer tas-Sur Joseph Mercieca li kien impjegat mill-Gvern assenjat mal-Kunsill, iżda ma ntbagħat l-ebda sostitwit, kif talab il-Kunsill.
- Is-Sindku, flimkien mal-Ministru għal-Għawdex, l-Onor. Anton Refalo, attenda għat-tqassim ta' kotba dwar is-*Sette Giungo* organnizzata mill-Kunsill tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Dan it-tqassim sar lil studenti ta Year 4 u Year 5 ta' l-Skola Primarja Sir Arturo Mercieca

- Saret festa għat-tfal nhar id-9 ta' Ġunju flimkien mal-Parroċċa, fejn attendew is-Sindku u l-kunsillier Horace Micallef.
- Saru żewġ *lapel badges* tad-deheb bl-arma tal-Fontana għall-kunsilliera l-ġodda.
- Ġiet ippublikata u mqassma lir-residenti, is-sittax –il ħarġa tal-fuljett "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek". Dan ġie ppreparat mis-Sindku, flimkien mal-iskrivana Christine Fenech.
- Mil-mina ta' taħt l-art fejn hemm il-ħażna tal-ilma tal-Għajn il-Kbira, ġie mmarkat fejn din tiżbokka fit-Triq Wied Siekel. Dan biex 'l quddiem issir tappiera mnejn wieħed jkun jista' jinżel f'każ ta' bżonn, biex jiġi dereġut l-ilma. Max-xogħolijiet tat-Triq il-Għajn instabet nixxiegħa li ħadd ma kien jaf biha ħdejn ir-rampa ta' Trejqet ix-Xagħri, fejn din ġiet imqabda mall-Għajn il-Kbira.
- Is-Sindku attenda għal-laqgħa li saret fis-Sala tal-Ministeru għal Għawdex dwar is-Siti Natura 2000.
- Is-Sindku attenda laqgħa mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali semma l-punt li salum għadu ma sarx il-ħlas lura ta' nofs il-paga ta' Christine Fenech, skond il-ftehim. Sar qbil li s-SE tieħu ħsieb u tara min hu l-persuna responsabli li jagħmel dan. F'din il-laqgħa, is-sinku semma wkoll li l-Kunsill għadu jrid jirċievi l-ħlas tat-tieni fażi tal-proġett ta' Wied Siekel mingħand il-"Gozo Action Group".
- Ingħatat ukoll l-aħħar kisja *tarmac* tat-tieni fażi tat-Triq tax-Xlendi, minn Pjazza l-Għejjun sa quddiem il-Knisja Parrokjali. Saru wkoll 14–il tappiera fit-telgħa, 'l isfel mill-Knisja għal-użu tan-nar tal-art.
- Hemm bżonn li tinxtara xemgħa għan-niċċa tas-Salvatur - approvata.
- Irid isir il-ħlas ta' €50 lill-MEPA għall-applikazzjoni tar-restawr tan-niċċa tal-Kunċizzjoni.

  Is-Sindku u l-Viċi Sindku attendew għal-laqgħa tas-Sindki fil-Lukanda Calypso f'Marsalforn organiżżata mill-AKL.

  Bżonn ta' bowżer żgħir għat-tisqija u ħasil tal-Belvedere u ż-żona tal-*Bring in Sites* – approvat
- Is-Sindku, Viċi Sindku u l-kunsillier Horace Micallef attendew għal-pontifikal tal-festa u wara sar it-tqassim ta' 30 ikla lill-anzjani li jgħixu waħedhom.

4. **<u>Għoti tal-offerti: *outdoor gym*</u>**

Evalwazzjoni tal-perit Gordon Vella, fejn ir-rapport tiegħu jgħid li l-irħas offerta, tal-JGC Ltd, hija f'konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tat-*tender*. Il-Kunsill qabel li tingħata l-offerta lil JGC Ltd.

5. **<u>Ħruġ għall-offerta ta' *safety carpets*</u>**:

Il-perit għadda l-ispeċifikazzjonijiet lis-A/SE u se tieħu ħsieb li tiprepara d-dokument tat-*tender* u toħroġ l-avviż.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

6. **Kwotazzjonijiet għal rixtellu tal-ħadid li jagħti għal-*playingfield***

Inġabru 2 kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol;

- Charlie Curmi għal prezz ta' €542.21
- Publius Attard għal prezz ta' €490

Horace u Mario qalu li għalkemm l-offerta tas-Sur Attard hi orħos, l-offerta tas-Sur Curmi fiha ferm aktar xogħol u ħadid, li jekk toqgħod tanalizza tiġi effettivament irħas. Horace qal ukoll li d-disinn li offra is-Sur Curmi jkompli mat-tieqa tal-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sindku qal li aktar ma d-disinn jkun sempliċi aktar aħjar. Għalhekk, Horace u Mario ivvotaw favur id-disinn ta' Charlie Curmi, waqt li Carmel, Victor u s-Sindku ivvutaw favur id-disinn ta' Publius Attard.

7. **Customare Care**

- Talba biex issir *keep clear sign* quddiem Sqaq nru.1 fit-Triq il-Għajn biex ma jipparkjawx karozzi – approvata
- Talba biex issir kanna baxxa mal-bankina tar-residenza 8 u 9 fit-Triq il-Għajn – approvata

8. **Mozzjoni – Saviour Borg**

Peress li s-Sindku ressaq mozzjoni waqt l-laqgħa preċedenti. Horace Micallef qal li l-mozzjonijiet għandhom jintbagħtu tal-inqas 6 t'ijiem qabel biex il-Kunsilliera ikunu jistgħu jarawhom qabel il-laqgħa. Is-Segretarju wieġbet li dan huwa minnu, u skont il-Liġi din il-mozzjoni tiġi nulla. Għalhekk il-mozzjoni reġgħet ġiet preżentata għal din il-laqgħa. Carmel Farrugia ssekonda din il-mozzjoni.

Is-sindku qara l-mozzjoni (annessa), fejn qed jagħmel proposta li tingħata l-Multi-Purpose Room lis-Sur Anthony Cassar bil-kundizzjoni li jwaqqa' l-kawza kontra d-dipartiment tal-artijiet fuq l-art taċ-ċentru ċiviku.

Horace qajjem il-punt ta x'se jiehu is-Sur Cassar sakemm jinbena ċ-Ċentru Ċiviku. Saret diskussjoni dwar x'ħin titwaqqa l-kawża, fejn se jiffunzjona l-Uffiċċju tal-Kunsill sakemm jinbena t-tielet fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Is-sindku irrisponda li l-ftehim irid isir li l-Multi-purpose room tingħata wara li jkun lest il-bini.

Il-kunsill qabel ma din il-mozzjoni, wara li jintalbu pariri mid-Dipartiment tal-Artijiet u mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

9. **Materji oħra**:

Victor Cefai:

- Tabella tal-*one way* fit-Triq il-Għajn miksura– niktbu lill-MGOZ biex tinbidel.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

- Titranġa it-tabella tal-parkeġġ fit-Triq il-Kappillan Hili.
- Ħasil tat-toroq – il-kummenti mingħand ir-residenti kienu pożitivi. Horace qal li d-darba li jmiss il-ħasil għandu jsir sas-6.30am għaliex kien hemm ħafna ilmenti fil-Ministeru għal-Għawdex minħabba l-inkonvenjent tat-traffiku peress li l-ħasil sar f'ħinn li jingħalqu t-toroq tal-iskola.

Il-laqgħa spiċċat fin-7.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 23 ta' Lulju, 2013 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| Amanda Abela | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555